flok siġġu wieħed ikollhom tnejn. Wara li tkun ilek ftit bil-weqfa xi ħadd li jkollu żewġ siġġijiet joffrilek wieħed minn-hom biex, bħal dak li qallu, juri l-qalb tajba tiegħu. Allura mhux xorta kieku ħa siġġu wieħed mill-ewwel? Oħrajn għand-hom drawwa li flok joqogħdu għarkobbtejhom joqogħdu mxeng-lin 'il quddiem bis-siġġu. Din jien naraha li tkun qiegħed tagħ-mel ħaġa b'nofs qalb, bħal tifel li jaqdi 'l ommu bilfors.

Fil-knisja johroġ is-sagristan jiġbor. F'idejh ikollu ħafna sittiet u kemm jekk tagħtih sold kif ukoll jekk tagħtih sitta, huwa dejjem iressaqlek is-sitta tal-bqija. Allura n-nies huma onesti biżżejjed li jekk ikun tawh sitta ma jerġgħux joħdulu sitta bqija.

Fil-karrozzi jkun hemm ukoll siġġijiet li jissejħu 'seats' jew sempliċement postijiet. Dawn ġie wkoll li joħolqu xi problemi jew skumdità għall-passiġġieri, l-iktar meta tinzerta fuq xi 'seat' li tħares lura, kuntrarju tas-'seats' l-oħra li jaħrsu 'l quddiem. Jiġifieri inti tkun b'dahrek lejn ix-xufier u ħafna passiġġieri oħra li jkunu jħarsu 'l quddiem jiġu wiċċ-imb-wiċċ miegħek. Biex ma tħarisx il-ħin kollu b'għajnejk f'għajnejhom ikollok jew toqgħod tħares lejn is-saqaf tal-karrozza jew 'l isfel jew 'l barra mit-twieqi, taparsi biex tara n-nies għaddejjin fit-triq. U jekk jien inħares għal ċertu żmien f'għajnejn il-passiġġieri ta' quddiemi nistħajjilni li qiegħed nipprattika l-ipnotiżmu fuq-hom.

Kultant f'karrozza iktar tagħżel li toqgħod bil-wieqfa milli bil-qiegħda, l-iktar meta fix-xitwa jqattar is-saqaf tal-karrozza għal fuq il-post fejn tkun qiegħed int, jew meta fis-sajf jiksu s-'seats' bil-khaki u tara ħafna tbajja' li għalkemm nixfin xorta jbeżżgħuk tpoġġi bil-qalziet fuqhom. Hemm imbagħad min jid-dejjaq ħafna jpoġġi fuq dak is-'seat' li jaħbat fuq ir-rota ta' wara, għax ikun iktar għoli mill-oħrajn u min ipoġġi fuqu jis-tħajlu fuq xi tron. Jien, ngħid għalija, ma jdejjaqnix post fil-għoli.

S'issa semmejt ħafna kwalità ta' siġġijiet li ma niħux gost inpoġġi bil-qiegħda fuqhom, u dak il-bniedem li tana l-invenzjoni meħtieġa tas-siġġu żgur qatt ma għaddielu minn moħħu li barra l-kumdità tal-mistrieħ, is-siġġijiet kellhom joħolqu daqs-hekk problemi u skumditajiet għall-bnedmin. U l-iktar żewġ



siġġijiet li nsibha ħaġa ta' skomdu li npoġġi fuqhom huma....... wieħed it-tron tar-re, għax għalkemm li tpoġġi fuqu huwa unur, ir-re jkollu joqgħod jieħu parti f'ħafna ċerimonji u ma tantx jista' jgħix il-ħajja privata tiegħu. Hemm ukoll siġġu ieħor li jien nitwerwer jekk iġegħluni npoġġi fuqu. Dan hu s-siġġu ta' l-elettriku li fl-Amerika jużawh biex jagħtu s-sentenza tal-mewt.

Dwar dan is-siġġu ta' l-elettriku niftakar ċajta li qalli ħabib tiegħi. Żagħżugħ Amerikan kien wasal biex jieħu l-mewt fuq is-siġġu ta' l-elettriku u staqsewh x'inhi l-aħħar xewqa tiegħu qabel imut. Huwa wieġeb "Nixtieq noffri posti lil xi sinjo-rina".

## MULTUM IN PARVO

### In-Numru SEBGĦA fi frażijiet Maltin.

| | |
|---|---|
| Trid *seba'* għajnejn. | Il-qattus għandu *sebat* erwieħ. |
| Saħħa *seba'* saħħiet. | Għidthielek *sebat* elef darba. |

### Espressjonijiet b'sens ta' kwalità superlativa

| | | |
|---|---|---|
| Kiesaħ silġ | Ħafif rix | Mill-itqal |
| Sħun jagħli | Tqil ċomb | Mill-isbaħ |
| Jaħraq nar | Wasa' ħorġ | |
| Għali infern | Dejjaq but | Mill-orħos |
| Xiħa għakka | Tari baqta | Mill-aqwa |
| Nadif tazza | Iebes għuda | |
| Ifuħ xummiema | Miblul xraba | Li ma bħalu |
| Ikħal nir | Iswed borma | Xħiħ għall-aħħar |
| Abjad karti | Isfar lellux | Qalbu tajba mill-iktar. |

## ĠAWHAR TA' ĦSEBIJIET

Għal kull deni hemm żewġ rimedji: iż-żmien u s-skiet.

Il-għerf huwa l-maqlub tal-flus: aktar ma jkollok għerf aktar tħossok kuntent.

Jaqbel iżjed li tagħmel dak li tista' milli tkun kollok ħrara u ħeġġa u ma tagħmel xejn.